

31998D0569

14.10.1998

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 277/31

## ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-6 ta' Ottubru 1998

**li tippreskrivi kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi tal-baħar ħajjin li joriġinaw mit-Tuneżija**

(notifikat bid-dokument numru C(1998) 2952)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(98/569/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/492/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tippreskrivi l-kundizzjonijiet tas-saħħa għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' molluski bivalvi ħajjin <sup>(1)</sup>, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 97/79/KE <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tagħha,

Billi espert tal-Kummissjoni għamel żjara ta' spezzjoni fit-Tuneżija biex jivverifika l-kundizzjonijiet li taħthom molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi tal-baħar ħajjin huma prodotti, maħżuna u mibgħuta lill-Komunità;

Billi d-disposizzjonijiet tal-leġislazzjoni tat-Tuneżija jagħmlu d-*'Direction Générale de la Santé Animale (DGSA) du Ministère de l'Agriculture'* responsabbli għall-ispezzjoni tas-saħħa ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi tal-baħar ħajjin u għall-monitoraġġ ta' l-iġjene u l-kundizzjonijiet sanitarji tal-produzzjoni; billi l-istess leġislazzjoni tagħti poteri lid-DGSA biex tawtorizza jew tipprobixxi l-qbid ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi tal-baħar ħajjin minn xi żoni;

Billi d-DGSA u l-laboratorji tiegħu huma kapaċi li effettivament jivverifikaw l-applikazzjoni tal-liġijiet fis-seħħ fit-Tuneżija;

Billi l-awtoritajiet kompetenti tat-Tuneżija obligaw ruħhom biex jikkomunikaw regolarment u malajr *data* lill-Kummissjoni dwar il-preżenza ta' *plankton* li jkollhom tossini fiż-żoni tal-qbid;

Billi l-awtoritajiet kompetenti tat-Tuneżija pprovdew assigurazzjonijiet uffiċjali dwar konformit\_ mal-ħtiġijiet speċifikati fil-Kapitolu V ta' l-Anness tad-Direttiva 91/492/KEE u ma' ħtiġijiet ekwivalenti għal dawk preskritti f'dik id-Direttiva għall-klassifikazzjoni ta' żoni li jipproduċu u li jittrasmettu, l-approvazzjoni ta' ċentri ta' dispaċċ u l-monitoraġġ tal-kontroll

tas-saħħa pubblika u l-produzzjoni; billi b'mod partikolari kull tibdil possibli fiż-żoni tal-qbid għandu jkun komunikat lill-Komunità;

Billi t-Tuneżija hi eliġibbli biex tkun fil-lista ta' pajjiżi terzi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' l-ekwivalenza imsemmijin fl-Artikolu 9(3)(a) tad-Direttiva 91/492/KEE;

Billi l-proċedura għall-ksib taċ-ċertifikat tas-saħħa msemmi fl-Artikolu 9(3)(b)(i) tad-Direttiva 91/492/KEE trid tinkludi d-definizzjoni ta' ċertifikat mudell, tal-ħtiġijiet minimi rigward il-lingwa(i) li fiha trid tkun abbozzata u l-grad tal-persuna li jkollha s-saħħa li tiffirmah u l-bolla tas-saħħa li trid tkun imwahnha fuq l-imballaġġ;

Billi, skond l-Artikolu 9(3)(b)(ii) tad-Direttiva 91/492/KEE, iż-żoni ta' produzzjoni li minnhom molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi tal-baħar jistgħu jinqabdu u esportati lill-Komunità jridu jkunu indikati;

Billi, skond l-Artikolu 9(3)(c) tad-Direttiva 91/492/KEE, lista ta' l-istabbilimenti li minnhom l-importazzjoni ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi tal-baħar hi awtorizzata għandha tkun stabbilita; billi l-lista trid tkun imfassla fuq il-bażi ta' komunikazzjoni mid-DGSA lill-Kummissjoni; billi hu għalhekk għad-DGSA biex jiżgura l-konformità mad-disposizzjonijiet stipulati għal dak il-għan fl-Artikolu 9(3)(c) tad-Direttiva 91/492/KEE;

Billi l-kundizzjonijiet speċjali għall-importazzjoni japplikaw bla ħsara għad-deċiżjonijiet meħuda skond id-Direttiva tal-Kunsill 91/67/KEE tat-28 ta' Jannar 1991 li jikkonċernaw il-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw it-tqegħid fis-suq ta' l-akwakultura u prodotti <sup>(3)</sup>, kif l-aħħar emendati bid-Direttiva 97/79/KE;

Billi l-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

<sup>(1)</sup> ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 24, tat-30.1.1998, p. 31.

<sup>(3)</sup> ĠU L 46, taz-19.2.1991, p. 1.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### Artikolu 1

Id-*"Direction Générale de la Sante Animale (DGSA) du Ministère de Agriculture"* għandu jkun l-awtorità kompetenti fit-Tuneżija għall-verifikazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni ta' konformità ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi tal-baħar ħajjin mal-ħtiġijiet tad-Direttiva 91/492/KEE.

#### Artikolu 2

Molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi tal-baħar ħajjin li joriġinaw mit-Tuneżija u maħsuba għall-konsum tal-bniedem, iridu jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

- 1) kull kunsinna għandu jkollha magħha ċertifikat tas-saħħa oriġinali numerat, mimli kif għandu jkun, iffirmat, datat u li jinkludi folja waħda skond il-mudell fl-Anness A ta' dan;
- 2) il-kunsinni jridu joriġinaw miż-żoni ta' produzzjoni awtorizzati fl-Anness B ta' dan;
- 3) iridu jkunu ppakkjati f'imballaġġi ssiġillati minn ċentru ta' dispaċċ approvat li jkun inkluż fil-lista fl-Anness C ta' dan;
- 4) kull imballaġġ irid ikollu bolla tas-saħħa li ma titħassarx u li jkollha għall-inqas l-informazzjoni li ġejja:
  - pajjiż li qed jibgħat: TUNEŻIJA,
  - l-ispeċi (ismijiet komuni u xjentifiċi),

- l-identifikazzjoni taż-żona ta' produzzjoni u ċ-ċentru tad-dispaċċ bin-numru ta' l-approvazzjoni tagħhom,
- id-data ta' meta ġew ippakkjati, li jkollha għall-inqas id-data u x-xahar.

#### Artikolu 3

1. Iċ-ċertifikati kif imsemmijin fl-Artikolu 2(1) iridu jkunu mfasslin għall-inqas flingwa waħda uffiċjali ta' l-Istat Membru fejn isiru l-kontrolli.

2. Iċ-ċertifikati jridu juru l-isem, il-kariga u l-firma tar-rappreżentant tal-DGSA u t-timbru uffiċjali ta' dan ta' l-aħħar f'kulur differenti minn dak ta' endorsjar ieħor

#### Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-6 ta' Ottubru 1998.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

## ANNEX A

## ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

**li jkopri molluski bivalvi <sup>(1)</sup>, ekinodermi <sup>(1)</sup>, tunikati <sup>(1)</sup>, gastropodi tal-baħar <sup>(1)</sup> ħajjin li joriġinaw mit-Tuneżija u maħsuba għall-konsum tal-bniedem fil-Komunità Ewropea**

Nru ta' Referenza: .....

Pajjiż li jibgħat: TUNEŻIJA

Awtorita kompetenti: 'Direction générale de la santé animale (DGSA) du ministère de l'agriculture'

**I. Dettalji li jidentifikaw il-prodotti tas-sajd**

- Speċi (isem xjentifiku): .....
- Numru tal-kodiċi (meta disponibbli): .....
- Tip ta' imballaġġ: .....
- Numru ta' imballaġġi: .....
- Piż nett: .....
- Numru tar-rapport ta' l-analiżi (meta disponibbli): .....

**II. Oriġini tal-prodotti**

- Żona ta' produzzjoni awtorizzata: .....
- Isem u numru uffiċjali ta' l-approvazzjoni taċ-ċentru tad-dispaċċ: .....

**III. Destinazzjoni tal-prodotti**

Il-prodotti huma miġbħuta

minn: .....  
(post tad-dispaċċ)

għal: .....  
(pajjiż u post ta' destinazzjoni)

bil-mezz ta' trasport li ġej: .....

Isem u ndirizz ta' min jibgħat: .....

Isem tal-kunsinnatarju u ndirizz fil-post tad-destinazzjoni: .....

<sup>(1)</sup> Ħassar meta mhux applikabli.

IV. **Attestazzjoni tas-saħħa**

- L-ispettur uffiċjali hawnhekk jiċċertifika li l-prodotti ħajjin speċifikati fuq:
1. ġew maqbuda, fejn meħtieġ mibgħuta, u trasportati skond ir-regoli tas-saħħa preskritti f'Kapitoli I, II u III ta' l-Anness tad-Direttiva 91/492/KEE;
  2. kienu maniġġjati, fejn meħtieġ purifikati, u ppakkjati skond il-ħtiġijiet preskritti f'Kapitolu IV ta' l-Anness tad-Direttiva 91/492/KEE;
  3. ikunu għaddew minn kontrolli ta' saħħa skond il-Kapitolu VI ta' l-Anness tad-Direttiva 91/492/KEE;
  4. jikkonformaw mal-Kapitoli V, VII, VIII, IX, u X ta' l-Anness tad-Direttiva 91/492/KEE u għalhekk tajbin għall-konsum immedjat tal-bniedem;
- L-ispettur uffiċjali ffirmat hawn taħt jiddikjara li hu jaf bid-disposizzjonijiet tad-Direttiva 91/492/KEE u d-Deċiżjoni 98/569/KE.

Magħmul fi ..... , fil-.....  
 (Post) (Data)



.....  
 Firma ta' l-ispettur uffiċjali (\*)

.....  
 (Isem f'ittri kbar, kariga u kwalifiki tal-persuna li tiffirma)

(\*) Il-kulur tat-timbru u l-firma iridu jkun differenti minn dak tad-dettalji l-oħra fiċ-ċertifikat.

## ANNEX B

**ŻONI TA' PRODUZZJONI LI JISSODISFAW IL-ĦTIĠIJET STABBILITI FIL-KAPITOLU I(1)(b) TA' L-ANNEX TAD-DIRETTIVA 91/492/KEE**

	Isem
T 1	Lac de Tunis (Nord)
T 2	Canal de Tunis
B 1	Menzel Jemil
B 2	Faroua
S 1	Sfax Nord
S 2	Gargour
S 3	Guetifa
S 4	O. Maltine Nord
S 5	O. Maltine Sud
S 6	Skhira
G 1	Gabès Nord
G 2	Gabès Sud 1
G 3	Gabès Sud 2
M 1	Médenine Nord
M 2	Lagune Boughrara
M 3	Djerba Nord

## ANNEX C

**LISTA TA' STABBILIMENTI APPROVATI GĦALL-ESPORTAZZJONI GĦAL KOMUNITÀ EWROPEA**

Nru	Isem	Indirizz
P.U 200	M. A. Trad	Port de Zarzouna-Bizerte
P.U 300	Prince Export	Port Prince-Nabeul
P.U 306	Mèdipêche el ghoul	Sidi Daoud-Nabeul